MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Numru. 1147/2011

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 3 TA’ OTTUBRU 2013**

**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**VS**
**ACHILLE COLEIRO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Achille Colerio ta’ 24 sena mwieled il-Pieta’ nahr it-23 ta’ Lulju 1987 bin Joseph u Maria Anna nee’ Bugeja u residenti gewwa Block D, Flat 4, Bini tal-Gvern, Hamrun u detentur tal-karta ta` l-identita` Maltija bi numru 0332887M;

Talli;

1) Nhar il 25 ta’ Novembru, 2011 u fi xhur ta’ wara minghajr il-hsieb li joqtol jew li jtqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Chantelle Grech.

2) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Chantelle Grech biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha.

3) Bl-imgieba tieghu ta fastidju lil Chantelle Grech.
4) Hedda bi kliem lil Chantelle Grech.

5) Kiser il-bon ordni pubblika b`ghajjat u glied

6) Talli huwa recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-mertu ta’ din il-kawza jittratta incident li sehh bejn l-imputat u Chantelle Grech fil-25 ta’ Novembru, 2010. Il-provi kollha prodotti f’din il-kawza ttrattaw l-incident li sehh f’dik id-data. L-imputazzjoni kontra l-imputat, izda tittratta incident li allegatament sehh fil-25 ta’ Novembru, 2011, u cioe’ sena wara. Hu ovvju li dan hu biss *lapsus calami* li, izda, fil-fehma tal-Qorti, qatt ma jista’ jwassal ghal xejn

hlief liberatorja. Ladarba baqghet qatt ma ntalbet korrezzjoni fl-atti, id-data fit-tahrika u dik fil-mertu tal-kaz ma jinkwadrawx ma' xulxin.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 251A, 251B, 339(1)(e), u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din il- Qorti ma tistax issib lill- imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ghal daqstant  qieghda tilliberah minn kull akkuza.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------